# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 707/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**NICO SPALDING**
**(ID: 380798M)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **NICO SPALDING** detentur tal-karta ta' l-identita' 380798M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-17 t'Ottubru 2018 bejn t-tlieta u l-erbgha ta' filghodu (03:00hrs – 04:00 hrs) fi Triq il-Lanca fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' xorb u ikel minn gewwa l-istabbiliment Cockney's ghad-dannu ta' Carmel Saliba u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz bil-hin u li ma jeccedix il-valur ta' €23.

2. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J Mifsud LL,D nhar il-15 ta' Dicembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Semghet ix-xhieda ta' Carmel Saliba, tal-Ispettur Jeffrey Scicluna u tal-imputat;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2018, fuq talba tal-Ufficjal Prosekutur, saret korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni billi gie ordnat illi l-kliem "28 ta' Gunju 2017" jithassru u jigu sostiwiti bil-kliem "15 ta' Dicembru 2017";

Rat illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2018, liema htija giet ikkonfermata minnu wara li nghata hin biex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza u illi din thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

[1] Fol. 17.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, wara li xehed il-parti offiza Carmel Saliba u wara li l-Ufficjal Proskeutur esebixxa taht gurament kopja legali tas-sentenza datata 15 ta' Dicembru 2017 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Niko Spalding**, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati.

**L-Ewwel (1) u t-Tielet (3) Imputazzjoni**

Il-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewg akkuzi taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu trattati kumulattivament, izda separatament mit-tieni imputazzjoni in kwantu din tal-ahhar tikkoncerna l-kommissjoni ta' reat mill-imputat fil-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation moghti fil-konfront tieghu a tenur tal-Kapitolu 446.

L-imputat ammetta li huwa kkometta s-serq lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni b'valur li ma jeccedix is-somma ta' €232 izda bl-aggravji tal-mezz u tal-hin, skont kif del resto jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Carmel Saliba. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-hwejjeg misruqa minn gol-istabbiliment tieghu, kienu jikkonsistu fi fliexken tax-xorb alkoliku u ta' pakketti ta' twistees li komplessivament kienu jiswew cirka €30.

Fl-istqarrija tieghu esebita a fol. 15, l-imputat kien diga` ammetta minghajr tlaqliq il-htija tieghu ghal din is-serqa u zied jghid ukoll li huwa seraq l-ikel u xorb ghaliex kien bil-guh u ghaliex hadd ma kien qed jaghti kasu. Fid-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat, li talab li jixhed wara r-

registrazzjoni tal-ammissjoni tieghu, fisser illi filwaqt li huwa ma kellux residenza fissa fiz-zmien li wettaq is-serq in kwistjoni, illum ghandu fejn joqghod ghaliex ommu harget mill-isptar u insista wkoll li meta tressq quddiem il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2018 huwa diga` kellu fejn joqghod b'mod definittiv. Oltre dan, l-imputat insista irrisjedi u li ghandu wkoll opportunita` ta' xoghol mal-Foster Clarks.

Madanakollu, il-Qorti ghalkemm tifhem ic-cirkostanzi xejn fortunati tal-imputat, li jghid li seraq ghaliex kien bil-guh u bla saqaf fuq rasu, ma tqisx li dawn jistghu jservu biex jiggustifikaw is-serq ta' xorb alkoliku wisq anqas serq aggravat.

Tosserva ulterjorment li billi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha inkluza ghalhekk it-tielet imputazzjoni, gie debitament ippruvat li huwa recidiv u dan anke ghall-finijiet tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9. F'kull kaz jirrizulta mill-fedina penali tieghu esebit in atti a. fol 7 *et sequitur*, illi sad-data tat-twettiq tad-delitt mertu tal-ewwel imputazzjoni[2], ma kienux lahqu ghaddew hames snin minn meta gew skontati l-pieni tal-kundanni precedenti[3]. Barra minn hekk, ghall-finijiet tar-recidiva f'serq skont l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9, jirrizulta wkoll illi din hija diga` s-sitt kundanna tal-imputat ghal serq.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti trid taghmilha car li bl-applikazzjoni <u>tassattiva</u> tal-Artikolu 28(7) tal-Kapitolu 9, hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A(1) billi f'dan il-kaz hemm ammissjoni tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50 oltre ammissjoni, kif ukoll prova, li s-serq twettaq waqt li l-imputat kien taht Ordni ta' Probation. Tenut kont ukoll tad-diversi sanzjonijiet

[2] Fis-17 ta' Ottubru 2018.

[3] Sitt gimghat prigunerija konfermati b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 30 ta' Gunju 2016, u tmien xhur prigunerija moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Mejju 2017.

fil-komunita` li diga` gew erogati – del resto inutilment - fil-konfront tal-imputat bit-tama li jaghraf jaqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni, il-Qorti m'hijiex propensa li terga' tapplika fil-konfront tieghu id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446, anke ghaliex ma ntweriex li hemm *commitment* serju da parti tal-imputat li, jekk jinghata opportunita` ulterjuri biex jibbenefika minn sanzjoni fil-komunita`, sejjer jehodha bis-serjeta`.

Illi ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reat li bih jinsab mixli u li tieghu qed jinstab hati; il-fedina penali tieghu, li ftit thalli dubju illi l-imputat, ghad li ghandu ghoxrin sena, huwa diga` veteran tas-sistema gudizzjarja kriminali billi nstab hati ta' reati kriminali xejn anqas minn tmien darbiet u diga` skonta zewg sentenzi ta' prigunerija effettiva. Huwa evidenti wkoll, anke mehud qies tat-tieni imputazzjoni li taghha qed jinstab ukoll hati, li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi mid-diversi opportunitajiet li nghatawlu mill-qrati sabiex jirriforma ruhu - dan minkejja l-eta` zghira tieghu li bla dubju kellha tkun ta' incentiva ulterjuri ghalih biex jaqbad it-triq tar-riforma - u minflok, ghazel li jkompli jikser difrejh mal-ligi.

Izda fl-istess waqt, il-Qorti m'hijiex sejra twarrab is-segwenti konsiderazzjonijiet: il-valur tal-hwejjeg misruqa, li huwa negligibbli; ic-cirkostanzi personali tal-imputat li bla dubju qed ibati l-konsegwenzi ta' sfond familjari difficli; il-fatt li diga` ilu jinzamm taht arrest preventiv sa mill-5 ta' Novembru 2018 cioe` kwazi xahar shih, kif ukoll tal-ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni shiha tieghu fl-investigazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi fil-gabra ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, huwa evidenti li <u>l-Qorti ghandha idejha marbutin dwar ix-xorta ta' piena li tista' teroga</u> ghall-ewwel u

t-tielet imputazzjoni, u ma ghandhiex alternattiva ohra fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghajr li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Madanakollu, taghzel li ma tapplikax id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 ghall-fini taz-zieda fil-piena u sejra wkoll taghti l-piena fil-minimu assolut li huwa permessibbli skont il-ligi.

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti taddebita li l-imputat wettaq reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation maghmul b'sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017 moghti minn din il-Qorti diversament preseduta. Dan jirrizulta ppruvat bl-ammissjoni tal-imputat izda meta l-Qorti tigi biex tittratta mal-imputat a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tirriskontra diffikolta`.

Ikkunsidrat;

Mis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Niko Spalding** (fol. 30 *et seq.*) datata 15 ta' Dicembru 2017, jirrizulta illi f'dik is-sentenza l-Qorti estendiet b'sentejn it-terminu originali ta' sentejn ta' Ordni ta' Probation diga` maghmul precedentement fil-konfront tal-imputat mill-istess Qorti kif allura preseduta, permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2017.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li bil-korrezzjoni li talbet il-Prosekuzzjoni f'din it-tieni imputazzjoni, tnehhiet kull referenza ghall-Ordni ta' Probation originali tat-28 ta' Gunju 2017 li gie maghmul minflok inghatat piena ghar-reat li jinsab indikat fil-fedina penali a fol. 10 tal-atti. Jirrizulta li bis-sahha tas-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017 esebita mill-prosekuzzjoni (Dok. JS1), l-Ordni ta' Probation imsemmi fit-tieni imputazzjoni odjerna gie estiz u mhux

maghmul, u effettivament, ghall-imputazzjonijiet li ntsab hati taghhom fil-15 ta' Dicembru 2017, l-imputat gie liberat kondizzjonalment ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal perijodu ta' tliet snin.

Madanakollu, f'dawn il-proceduri odjerni l-imputat ma giex mixli li kkommetta reat fil-perjodu operattiv tal-liberazzjoni kondizzjonata izda gie mixli biss li kkommetta reat waqt li kien taht ta' Ordni ta' Probation. Izda, kif inghad, l-imputazzjoni kif giet tinqara wara l-korrezzjoni awtorizzata fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 ma ghandha ebda konnessjoni iktar mar-reat li ghalih il-Qorti tista' tittratta mal-hati – dak ir-reat ma kienx mertu tas-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017 izda tas-sentenza tat-28 ta' Gunju 2017 li madanakollu, ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni. Dan qed jinghad minhabba l-fatt illi fis-17 ta' Ottubru 2018 cioe` fiz-zmien tal-ksur tal-Ordni ta' Probation mertu tat-tieni imputazzjon, l-Ordni ta' Probation originali kien ghadu fis-sehh bhalma ghadu fis-sehh sal-lum u kienet ghadu ma gietx ghalhekk fis-sehh l-estensjoni tal-istess Ordni li saret bis-sahh thas-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017.

Ghall-kompletezza kif ukoll ghall-korrettezza, il-Qorti tosserva wkoll li billi l-Ordni ta' Probation maghmul fis-sentenza tat-28 ta' Gunju 2017 kien ghal perijodu ta' sentejn, il-Qorti diversament preseduta ma setghetx, fis-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017, *inter alia* testendi dan il-perijodu b'sentejn ohra ghaliex b'hekk il-perijodu tal-probation kumulattiv jigi li jeccedi tliet snin u dan huwa vjetat mill-Artikoli 7(1) u 10(2)(a) Kapitolu 446.

Mizmum ferm dan kollu, u fil-qies tal-konsiderazzjonijiet gia` maghmula riferibbilment ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni, il-Qorti filwaqt li ma tistax hlief issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni cioe` li kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation, m'hijiex sejra tittrata lill-hati ghar-reat li dwaru kien originarjament tqieghed taht l-Ordni ta' Probation minghajr ma jkollha quddiemha imputazzjoni li tirreferi ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation

maghmul originarjament minn din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward ta' dak l-istess reat, liema Ordni del resto ghadu fis-sehh fil-perjodu originali tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 20, 49, 50, 261(b) u (f), 263, 270, 278(1)(2) u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat NICO SPALDING hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u in kwantu ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni tikkundannah piena ta' sittax (16)-il xahar prigunerija effettivi. In kwantu ghat-tieni imputazzjoni mhijiex sejra tittratta mal-hati dwar is-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2017 ghar-ragunijiet gia` msemmija.

Ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li z-zmien kollu li l-hati ikun inzamm fil-habs ghar-reati li taghhom qieghed jinstab hati, ghandu jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija taht u ghall-fini ta' din is-sentenza.

**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**